# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 21 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 29.**
**Citazz. Nru. 2488/00 JRM**

**HARRISON & COMPANY (MALTA) LIMITED**

**vs**

**PENZA CONSTRUCTION LIMITED**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici rrendiet lis-socjeta' konvenuta servizzi konsistenti fi 'Quality Control and Quality Assurance' u servizzi ohra relatati u konnessi ma' l-istess;

Illi s-socjeta' attrici kienet ikkoncediet lis-socjeta' konvenuta thallas kull bilanc li kien fadal f'pagamenti mensili ta' mhux anqas

minn hames mitt lira maltin (Lm500) fix-xahar u dan kif jirrizulta minn ittra mibghuta mis-socjeta' konvenuta datata 29 ta' Settembru, 1999 (Dokument A) u dik ta' accettazzjoni tas-socjeta' attrici datata 4 ta' Ottubru, 1999 (Dokument B);

Illi kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza s-socjeta' konvenuta ghad fadlilha thallas il-bilanc ta' hamest elef mitejn u sitt liri maltin u hmistax-il centezmu (Lm5206.15c);

Illi s-socjeta' konvenuta mitluba biex thallas dan il-bilanc permezz ta' ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju, 2000 debitament notifikata (Dokument C) baqghet inadempjenti;

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici kienet kostretta li tipprocedi bl-istanti kontra s-socjeta' konvenuta;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ddekadiet mid-dritt li thallas bil-beneficcju tat-termini skond kull ftehim esistenti bejn il-kontendenti s-somma fuq indikata; u

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef mitejn u sitt liri maltin u hmistax-il centezmu (Lm5206.15c) bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mid-data ta' minn meta kellha tithallas is-somma mitluba sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju, 2000 u l-mandat ta' sekwestu li qieghed jigi prezentat kontestwalment u bis-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ddekadiet mid-dritt li thallas bil-beneficcju tat-termini skond kull ftehim esistenti bejn il-kontendenti s-somma fuq indikata; u

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef mitejn u sitt liri maltin u hmistax-il centezmu (Lm5206.15c) bl-imhaxijiet kummercjali b'effett mid-data ta' minn meta kellha tithallas is-somma mitluba sal-pagament effettiv;

U bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Mejju, 2000 u l-mandat ta' sekwestru kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**21 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**21 ta' Frar, 2001.**

*21 ta' Frar, 2001.*